# VEN. SOĊJETA DUN FILIPPU BORGIA
## Birkirkara A.D. 1936 AD JURA POPULI HELENIANI SERVENDA

### 45 sena ta' l-istatwi tal-bronz ta' San Gwann u San Pawl

**minn Silvio Azzopardi**
**Segretarju Socjeta Dun Filippu Borgia**



Kien fit-28 ta' Jannar ta' l-1962 meta ngarru proċessjonalment l-istatwi tal-bronz ta' San Ġwann u San Pawl li jinsabu fuq il-presbiterju Kolleġġjata Bażilka ta' Sant' Elena.

Din il-proċessjoni popolari bdiet mill-Artistic Foundry fi Triq Mannarino Birkirkara sat-tempju Elenjan.

Kien avveniment sabiħ fejn il-poplu Karkariż kien ferħan u ħerqan bil-miġja ta' dawn l-istatwi, fejn ġew akkumpanjati miż-żewġ baned Karkariżi l-Banda Duke of Connaught's Own u l-Banda Sant' Elena. Dak iż-żmien kienet għada ma twaqqfitx il-banda Sant' Antnin.

Kif minn Triq Mannarino waslu fi Triq il-Kbira l-ex Segretarju u l-ex President dak iż-żmien, Segretarju tas-Soċjeta' Borgia Joseph Deacon għamlu diskors entużjażmat mill-gallarija tad-Domus Curialis. Kien imiss li fit-2 ta' Frar ta' l-1962 issir il-preżentazzjoni popolari fejn kien sar diskors fil-Bażilika mill-ħabrieki, li llum m'għadux magħna l-avukat Joseph Fenech Adami LLD ex President tas-Soċjeta' Borġia. Ir-Rev.mu. Prepostu Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Emmanuel Vella DD, Phd, BLCan. aktar tard Arċidjaknu tal-Katidral għamel id-diskors tiegħu u kixef l-istatwi mgħejjun miċ-Ċeremonier ta' dak iż-żmien, illum it-Teżorier tar-Rev.mu. Kapitlu Kan Guzepp Micallef. Imbagħad il-Prepostu Emmanuel Vella bierek l-istawi tal-bronz li kellhom iservu bħala eġijji.

F'din il-kommemorazzjoni popolari fetħu l-festi tal-25 anniversarju ta' kemm kien ilu jservi Mons. E. Vella bħala Prepostu Arċipriet tal-Kolleġġjata.

Aktar tard fl-istess sena irriżenja biex id-dinjita' Prepożitali ġiet mimlija mis-Santa Sede (kif tgħid il-Bolla tat-twaqqif tal-Kolleġġjata (1630) u l-Istatuti 1631 li jiffurmaw parti integrali mill-fundazzjoni) biex f'Awissu ta' l-istess sena il-Karkariż Mons. Ingazio Sciberras Psaila JUD ħa l-insedjament tas-Sedja Prepożiturali, Mons Pietro Palazzini aktar tard Kardinal ippresieda iċ-ċerimonja.

Is-Socjeta' Dun Filippu Borġia ħadet l-inkarigu u r-responsabbilta' kollha ta' l-istatwi tal-bronz fejn kompliet dak li beda u ħalla l-mejjet benefattur is-sur Kustanz Micallef, li ma kellux ix-xorti jara l-opri lesti.

L-istawa ta' San Ġwann Evanġelista li kellha sservi biex jinqara l-Evangelju Mqaddes hija xogħol ta' l-iskultur famuż Vinċenzo Apap. L-istawa l-oħra ta' l-appostlu San Pawl fejn kellha tintuża biex tinqara l-eppistula hija xogħol ta' Emmanuel Gauci.

Ix-xogħol tal-bronz sar mill-fundatur Karkariż Vincenzo Sammut. Dawn iżejnu l-presbiterju tat-tempju Elenjan bil-proporzjon u bid-dehra tagħhom.

Opri bħal-dawn huma xhieda tal-ħidma sfieqa tal-Ven. Soċjeta Dun Filippu Borgia u tal-Poplu Kakariż li kien u għadu jħobb tassew it-tempju tiegħu.